MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦALEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

Il-Ħamis, 14 ta' Settembru, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-09:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 29.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

29.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 29.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

29.2.1 Is-Sindku qal li din is-sena l-Boat Party taż-żgħażagħ kellu jitħassar minħabba l-maltemp.

29.2.2 Is-Sindku issuġerixxa li nitolbu garanzija għal permessi li joħorġu fl-isqaqien bħal ma sar għall-permessi li jinħarġu fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel.

29.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li irċivejna emejl mingħand LCA fejn l-Assoċjazzjoni qed tissuġerixxi li l-Kunsilliera għandhom jagħtu parti mill-allokazzjoni tagħhom lill-Community Chest Fund. Biex imbgħad l-AKL tkun tista' tgħaddi s-somma miġbura lill-President. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsill Lokali għandu s-sistema tiegħu kif jagħti d-donazzjoni lil CCF u nimxu magħha.

29.2.4 Is-Sindku u s-SE qalu li xi jumejn ilu ġara inċident fl-uffiċini tal-Kunsill fejn ħaddiem tal-Community Workers Scheme – Mark Spiterikellem b'mod aggressivlis-SE wara li tagħtu l-*work schedule* tal-ġurnata. Is-Sindku u s-SE qalu li din l-imġieba mhiex aċċettabli.
Apparti din l-imġieba s-Sindku u s-SE fakkru kemm diskussjonijiet saru fil-Kunsill dwar il-ħaddiema u kemm il-Kunsill kien ilu jissaporti l-imġieba u n-nuqqas ta' xogħol tal-ħaddiema li huma assenjati fit-toroq. Għalhekk sar qbil unanimu illi Mark Spiteri u Lino Gauci jiġu trasferiti mill-Kunsill.

29.2.5 Is-Sindku ippropona li kif hemm fil-programm tal-EMW għandu jingħata rigal lill-dak ir-rebbieħ tal-*carpooling* għall *European Mobility Week*. Sar qbil li jingħata rigal ekwivalent għall-ħamsin ewro bħas-sena l-oħra.

29.2.6 Is-SE qalet li irċivejna emejl mingħand is-Sjr Annie Formosa fejn talbet li jiġi installat dog litter bin fid-Dwejra. Il-Kunsillier Franco Buhagiar kompla jgħid li tkun idea tajba li kieku jiġi installat bin tal-filtri tas-sigaretti ukoll. Il-Kunsill qabel ma dawn is-suġġerimenti.

29.2.7 Is-SE qalet li t-Tender tal-Open Skip wasal biex jagħlaq. Il-Kunsill qabel li jerġa joħrog l-istess Tender b'differenza illi kull darba li jiġi jagħti s-servizz, irid ikun hemm evidenza fotografika u dokumentata qabel jintrema l-kontenut tal-iskip.

29.2.8 Is-SE qalet li irċivet suġġeriment mingħand resident fit-Triq ir-Rokon fejn talbuha

sabiex l-istess triq tkun inkluża fil-Legal Notice 295/07 fejn tgħid illi dawn l-inħawi ma jistax ikun hemm skavar jew demolizzjoni fl-istaġun turistiku. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

29.2.9 Is-SE talbet li titrasferixxi sittax il-siegħa leave mill-2017 għall-2018 skont l-artikli tal-Kodiċi tal-PSM. Il-Kunsill approva.

## 29.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

29.3.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li hu għamel appuntament mas-Sur Mario Fava sabiex jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill fit-22 ta' Settembru fis-1pm sabiex jiġu diskussi l-proġetti tal-Housing u ċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsillier Buhagiar qal li pprova jagħmel appuntament mal-Hon. Clint Camilleri pero ma setax. Hu kompla jgħid li se jipprova jagħmel appuntament darba oħra.

29.3.2 Il-Kunsillier Buhagiar qal li kieku tkun idea tajba li napplikaw għall-'Quality Assured' għaċ-Ċentru tad-Dwejra. Il-Kunsill qabel.

## 29.4 Tenders tal-Locality Assistant u tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku

29.4.1 Is-SE qalet li t-Tender tal-Locality Assistant wasal sabiex jingħalqu l-offerti. Sar qbil biex jintgħażel bord għall-evalwazzjoni.

29.4.2 Is-SE qalet li l-bord tal-evalwazzjoni tat-Tender tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku iltaqa' u wara li ġie ikkonfermat, intgħażlet l-unika offerta li kien hemm, li kienet tal-Kuntrattur KIP Ltd. Il-Kunsill approva.

## 29.5 Latrina fir-Raħal

29.5.1 Is-Sindku qal li għandna nagħtu importanza sabiex naħsbu għall-latrina fir-raħal. Hu kompla jgħid illi tkun idea tajba li kieku nużaw il-fondi li kienu inagħtaw mill-MEPA fiż-żmien li inbniet il-lukanda Kempinski. Wara diskussjoni sar qbil li nitolbu stima mingħand il-Perit jekk din l-latrina ikollha tinbenataħt il-Playing Field Colle Umberto.

## 29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.6.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 29.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.7.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:30 u ġiet aġġornata għall-26 ta' Ottubru 2017 fid-09:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv